**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 1040/2017 AF**

**Emanuela sive Nathalie Vella**

**vs**

**Carmelo sive Karl Catania**

**u fil-verbal tal-14 ta' Gunju 2018, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jintervjenu fil-kawza Rita Cachia u Mary Grace Anastasi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi Emanuela *sive* Nathalie Vella, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti hija bint il-mejjet Salvatore *sive* Saviour Mifsud (K.I. 517131M) (certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok. A).

Fit-testment ta' Salvatore *sive* Saviour Mifsud datat 12 ta' Mejju, 2015 (anness u mmarkat bhala Dok. B), Salvatore Mifsud innomina lill-esponenti bhala wahda mill-eredi universali tieghu.

Fit-18 ta' Marzu, 2015 saret skrittura bejn Salvatore *sive* Saviour Mifsud u l-intimat fejn fiha allegatament saret donazzjoni tad-dar '86, Triq is-Sorijiet Ursolini, Gwardamangia' (skrittura annessa u mmarkata bhala Dok. C).

Meta Salvatore *sive* Saviour Mifsud ghamel l-ahhar testment tieghu xahrejn wara li allegatament saret l-iskrittura bejnu u l-intimat, l-istess Salvatore halla legat konsegwibbli lill-intimat dak kollu li jinsab mill-ghatba l-gewwa tal-fond '68, Triq is-Sorijiet Ursolini, Gwardamangia', bl-eccezzjoni ta' deheb, fidda, hagar prezzjuz, flus u/jew titoli li jirraprezentaw flus.

Kieku din id-donazzjoni kienet valida, Salvatore *sive* Saviour Mifsud ma kienx ikollu ghalfejn ihalli dan il-legat konsegwibbli lill-intimat ghax id-dar kienet ga tkun tappartjeni lilu. Dan il-fatt juri li Salvatore ma kienx jemmen li d-donazzjoni kienet valida jew li saret b'qerq u ingann tal-istess Salvatore *sive* Saviour Mifsud.

Barra minn hekk, din id-donazzjoni giet irregistrata skont il-ligi wara li l-esponenti batghet ittra ufficjali bin-numru 3356/17 datata 19 ta' Settembru, 2017 (annessa u mmarkata bhala Dok. D) lill-intimat fejn infurmatu li d-donazzjoni ma kienitx wahda valida. Dan ifisser li din id-donazzjoni giet irregistrata wara sentejn minn meta saret l-iskrittura ta' d-donazzjoni.

Din id-donazzjoni, ghalkemm illum il-gurnata hija registrata, din taqbez il-kwota tal-legittima t'ulied Salvatore *sive* Saviour

Mifsud, u ghalhekk ma tistax issehh u dan skont l-artikolu 620 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din id-donazzjoni m'hijiex wahda valida u allura t-testment ta' Salvatore *sive* Saviour Mifsud ghandu jigi onorat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-iskrittura datata 18 ta' Marzu, 2015 mhix valida ghax saret b'qerq u ingann ta' Salvatore *sive* Saviour Mifsud.

2. Tiddikjara li d-donazzjoni mhijiex wahda valida ghax din taqbez il-kwota tal-legittima t'ulied Salvatore *sive* Saviour Mifsud u allura tmur kontra l-artikolu 620 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara li t-testment ta' Salvatore *sive* Saviour Mifsud datat 15 ta' Mejju 2015, ghandu jigi onorat.

4. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur f'dik is-somma kif likwidata min din l-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali inkluz spejjez legali extra-gudizzjarji u bl-interessi legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut Carmelo *sive* Karl Catania, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet ta' l-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-donazzjoni saret minn Salvatore *sive* Saviour Mifsud b'mod liberu u bil-kunsens, skond il-ligi u ma sar l-ebda qerq u ngann min-naha tal-konvenut.

L-eredità tad-decujus tibda mal-mewt tieghu u mhux minn qabel. B'hekk il-patrimonju li halla Salvatore *sive* Saviour Mifsud huwa dak il-patrimonju li kellu fit-30 ta' Marzu, 2017, meta miet

u mhux xi patrimonju iehor li seta' kellu qabel mewtu. B'hekk il-konkluzjoni tal-legittima issir fuq il-patrimonju li halla Salvatore *sive* Saviour Mifsud mal-mewt tieghu.

Ghar-rigward it-tielet talba, l-konvenut m'ghandux oggezzjoni.

Ghar-rigward ir-raba' talba, l-konvenut jissottometti li huwa null u bla effett stante li m'hemmx talba sabiex jinstab responsabbli ghal xi danni u *di più* il-konvenut certament mhuwiex responsabbli ghall-ebda danni.

Ghar-ragunijiet ta' kjarezza u minkejja li m'hemmx talba ghan-nullità tal-kuntratt tad-donazzjoni tat-18 ta' Marzu, 2015 minhabba xi allegat nuqqas ta' formalità tar-registrazzjoni, l-konvenut jiddikjara li l-formalitajiet ta' dan il-kuntratt saru u l-kuntratt huwa validu skond il-ligi.

Il-lista tax-xhieda numru 6 hija marka mir-rikwiziti tal-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokument anness.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2018 ġiet milqugħa t-talba ta' Rita Cachia u Mary Grace Anastasi sabiex jintervjenu fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tħassar il-kuntratt datat 18 ta' Marzu 2015 li permezz tiegħu d-defunt Salvatore *sive* Saviour Mifsud assenja u trasferixxa b'titolu ta' donazzjoni d-dar 86, Triq is-Sorijiet Ursolini, Gwardamangia, lill-konvenut. L-attriċi tgħid li dan il-kuntratt sar b'qerq u ingann fuq id-donatur u kif ukoll li din id-donazzjoni tmur kontra l-artikolu 620 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet

ta’ Malta peress illi ma hemmx biex jitħallas is-sehem riżervat dovut lilha bħala waħda mill-eredi tad-defunt Salvatore Mifsud. Hija qed titlob ukoll lill-Qorti tiddikjara li t-testment tad-defunt għandu jiġi onorat u li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi u l-intervenuti fil-kawża huma tlieta fost il-ħames ulied ta’ Salvatore *sive* Saviour Mifsud u l-ewwel mara tiegħu Carmela Mifsud. Salvatore Mifsud miet fit-30 ta’ Marzu 2017. Il-konvenut huwa n-neputi ta’ Salvatore Mifsud u ċioè iben oħt l-attriċi li mhijiex parti fil-kawża. Permezz ta’ kuntratt pubbliku tat-18 ta’ Marzu 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar, Salvatore Mifsud assenja u ttrasferixxa b’ titolu ta’ donazzjoni lill-konvenut d-dar bin-numru 86, Triq is-Sorijiet Ursolini, Gwardamangia. Peress illi Salvatore Mifsud ma kienx jaf jiffirma ismu, dan il-kuntratt sar fil-preżenza ta’ żewġ xhieda. Dan il-kuntratt ġie rreġistrat sentejn u nofs wara.

Il-wirt ta’ Salvatore Mifsud huwa regolat permezz tal-aħħar testment tiegħu tat-12 ta’ Mejju 2015 li permezz tiegħu, wara li ħalla tlett legati, fosthom wieħed lill-konvenut ta’ dak kollu li jinsab fid-dar 86, Triq is-Sorijiet Ursolini, Gwardamangia, innomina lill-ħames uliedu bħala eredi universali tal-ġid kollu tiegħu.

Da parti tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li l-kuntratt ta’ donazzjoni huwa validu stante li ma seħħx b’qerq jew ingann, li s-sehem riżervat irid isir fuq il-patrimonju li kellu Salvatore Mifsud meta miet, li m’għandux oġġezzjoni għat-tielet talba, li mhuwiex responsabbli għall-ebda danni u kif ukoll illi l-attriċi ma setgħetx tniżżel bħala xhieda, ‘*Nies oħra li jistgħu jkunu edotti mill-fatti*’.

L-ewwel talba attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 1212 tal-Kap. 16 li jiddisponi li,

> *“Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa’, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni.”*

A tenur tal-artikolu 981:

> *"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

In linea ta' prinċipju ġenerali, dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-każ ta' George Portelli et vs Ivan John Felice, tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir esaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-kaz tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawza ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*
>
> *Illi peress li l-għamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-kaz prezenti, dan il-piz jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*
>
> *Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'kaz bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi*

*allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun."*

Dwar x'jammonta għal *dolo* u *mala fede* bħala vizzju tal-kunsens, ingħad hekk fis-sentenza ta' Reverendu Don Francesco Zammit et vs Avukat Dr Anthony Farrugia et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Marzu 1967:

"*...id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz a' qerq (raġġiri) biex tiddevija r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'), Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-deceptor, id-dolo hu raġġir waqt li, kunsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġà tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar il-bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu iġib għan-nullità*."

Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Anthony Piscopo vs Charles Filletti, tas-16 ta' Ġunju 2003:

"*A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta";*

*Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*

*Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo", Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih."*

B'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-attriċi bl-ebda mod ma rnexxielha tikkonvinċiha li l-kunsens ta' missierha fuq il-kuntratt pubbliku tat-18 ta' Marzu 2015 kien vizzjat. L-attriċi issejjes l-allegazzjoni tagħha prinċipalment fuq il-fatt illi fl-aħħar testment tiegħu tat-12 ta' Mejju 2015, u allura wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni, id-defunt ħalla legat favur il-konvenut konsegwibbli in piena proprjetà wara l-mewt tiegħu u ta' martu Josephine Mifsud ta' '*dak kollu li jinsab mill-għatba l-ġewwa tal-fond numru sitta u tmenin (86), bl-isem ta' "Carmen House" fi Triq is-Sorijiet Orsolini, tal-Pieta, bl-eċċezzjoni ta' deheb fidda, ħaġar prezjuż, flus u/jew titoli li jirrappreżentaw flus*.' Skont l-attriċi, id-defunt ma kienx ser iħalli dan il-legat kieku verament fehem illi d-dar kien taha b'donazzjoni lill-konvenut għaliex id-dar u dak kollu li jinsab fiha kienu jkunu tiegħu diġà.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument tal-attriċi. Il-fatt illi d-defunt ittrasferixxa u assenja l-proprjetà lill-konvenut ma jfissirx awtomatikament illi huwa kien qiegħed jaghtih kull ma hemm fiha u fil-fatt il-kuntratt ta' donazzjoni ma jagħmel l-ebda riferenza għal mobbli li jinsabu ġewwa din id-dar. Jidher illi l-intenzjoni tat-testatur kienet illi, wara li lill-konvenut tah id-dar b'donazzjoni, ried jaghtih ukoll dak kollu li jinsab fiha ħlief għal dawk il-mobbli esklużi skont it-testment. Tant it-testatur kien jaf x'inhu jagħmel li fit-testmenti preċedenti tiegħu kien ħalla lill-konvenut legat konsistenti fid-dar u l-mobbli li jinsabu fiha u fl-aħħar testment, jiġifieri wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni tad-dar, lill-konvenut ħallielu l-mobbli biss.

Il-Qorti żżid tgħid illi f'din il-kawża xehdu għadd ta' persuni li kkonfermaw kif Salvatore Mifsud kien jaf eżattament x'inhu jagħmel u li dejjem kellu l-intenzjoni illi lill-konvenut, li kien iqisu bħala iben u mhux sempliċiment neputi, jaghtih din id-dar:

i. Il-konvenut xehed kif huwa kellu relazzjoni tajba ħafna ma nannuh u fil-fatt kien imur għandu kważi kuljum. Spjega kif nannuh dejjem kien jgħidlu li l-post ser itih lilu. L-istess ikkonfermat omm il-konvenut;

ii. In-Nutar Dottor Herbert Cassar xehed illi '*L-intenzjoni tat-testatur dejjem kienet li din il-proprjetà titħalla lil Karl*

*Catania...Id-donatur kien jaf x'qiegħed jagħmel meta għamel id-donazzjoni.'* In-Nutar ippreżenta wkoll affidavit fejn ikkonferma li Salvatore Mifsud dejjem kien luċidu u jaf x'inhu jagħmel;

iii. Mart Salvatore Mifsud, Josephine Mifsud xehdet li, '*Salvatore kien jitkellem fis-sens li l-post iħallih lil Karl. Karl trabba magħna....Aħna konna nqisuh it-tifel tagħna. Bħala t-tifel tagħna Salvu l-post ried itih lilu.'*;

iv. Joseph Mifsud, iben Salvatore Mifsud u allura ħu l-attriċi wkoll xehed kif missieru dejjem kien jgħidlu li lill-konvenut ried iħallilu kollox għaliex kien dar bih.

L-attriċi ssemmi wkoll illi r-reġistrazzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni saret biss wara li hi bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut biex tavżah illi l-att ma kienx validu għaliex mhux reġistrat. Madanakollu, jidher illi l-konvenut assolutament ma kienx jaf illi r-reġistrazzjoni ma saritx filwaqt illi n-nutar xehed illi dan kien żball tiegħu għaliex bi żvista l-kuntratt ma rreġistrahx. L-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenut kien b'xi mod qed jikkolludi man-nutar sabiex ir-reġistrazzjoni ma ssirx u allura Salvatore Mifsud ma jkunx jaf x'kien fih il-kuntratt, lanqas ma ġiet pruvata.

L-attriċi tgħid illi d-donazzjoni għandha titħassar ukoll għaliex biha d-defunt Salvatore Mifsud qabeż is-sehem tal-beni tiegħu li seta' jiddisponi minnhom u allura l-attriċi ma tistax tieħu s-sehem riżervat spettanti lilha skont il-liġi.

Peress illi Salvatore Mifsud kellu ħames ulied, skont l-artikolu 616 tal-Kap. 16, is-sehem riżervat li jmiss lil kull wieħed u waħda minnhom huwa ta' wieħed minn għaxra (1/10) tal-beni tiegħu. Ukoll, skont l-artikolu preċedenti, il-jedd għas-sehem riżervat huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet.

A tenur tal-artikolu 620 tal-Kap. 16:

*"(1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.*

*(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.*

*(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.*

*(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.*

*(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat."*

Għalkemm il-konvenut m'għandux raġun fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, sabiex tirnexxi fit-talba tagħha, l-attriċi riedet l-ewwel u qabel kollox iġġib prova dwar il-konsistenza tal-assi mobbli u immobbli tad-defunt u kif ukoll id-djun. Mingħajr din il-prova, il-Qorti żgur li ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-attriċi ma tistax tieħu s-sehem riżervat spettanti lilha. L-attriċi ma ġabitx l-iċken prova dwar jekk id-defunt kellux aktar immobbli jew mobbli, inkluż flus kontanti, depożiti jew investimenti l-bank, li bihom setgħu jiġu sodisfatti l-pretensjonijiet tagħha, u wisq inqas jekk kellux xi dejn.

Konsegwentement, qiegħda tiġi miċħuda wkoll ir-raba' talba attriċi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni filwaqt illi ser tintlaqa' t-tielet talba għal dikjarazzjoni li t-testment ta' Salvatore Mifsud tat-12 ta' Mejju 2015 għandu jiġi onorat. Madanakollu, in kwantu li din it-talba saret bla bżonn, l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż tagħha wkoll.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut sa fejn huma kompatibbli ma dak deċiż, tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba attriċi u tilqa' t-tielet talba.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi b'dan illi l-intervenuti fil-kawża għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG